# FIL-QORTI ĊIVILI - SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, it-Tnejn 26 ta' Awissu, 2024

**RIKORS NRU : 43/2024/1**

1. **Wallace Fino (KI 218168M)**
2. **Jean Carl Fino (KI 86086M)**

**Vs**

1. **Tamarac Limited (C-6169)**
2. **Lawrence Fino (KI 443040M) bħala azzjonist, direttur u chairman ta' Tamarac Limited**
3. **Carmen Fino (KI 780945M) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**
4. **Dino Fino (KI 223679M) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**
5. **Romina Mifsud (KI 199871M) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**
6. **Gianmar Holdings Limited (C-40645) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**

**DAN HUWA DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA BI FTEHIM MAL-PARTIJIET GĦAR-RIKORS TA' WALLACE FINO U JEAN CARL FINO TAL-25 TA' APRIL 2024 DWAR MIŻURI INTERIM HEMMEKK MITLUBA**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Wallace Fino u Jean Carl Fino** tal-25 ta' April 2024, (ir-rikors promotur) li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemmekk indikati, huma talbu illi din il-Qorti sabiex, pendenti l-proċeduri 43/2024 fl-istess ismijiet, kawża minnhom stess intavolata ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tagħti *mizuri interim* billi :

1. Tisma' u tiddeċiedi dan ir-rikors bl-urġenza meħtieġa.

2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-*extraordinary general meeting* li beħsiebha tinżamm nhar is-7 ta' Mejju 2024 bl-intiża li jigu mneħħija minn diretturi m'għandhiex tinżamm.

3. Taħtar b'mod provviżorju u bħala miżura proviżorja, fuq il-Bord tad-Diretturi tas-soċjeta' intimata direttur indipendenti, li għandu jkun hu iċ-Ċerman tal-Bord tal-istess soċjeta' u kif ukoll ir-rappreżentant legali tal-kumpanija tkun f'idejn dan l-istess direttur indipendenti u li sabiex f'każ li l-esponenti effettivament jitneħħew minn diretturi, dina l-Onorabbli Qorti qegħda tintalab sabiex tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex il-kontroll fuq il-Bord tad-diretturi tas-soċjeta' intimata ikun f'idejn direttur maħtur minn din l-Onorabbli Qorti.

Rat il-**verbal tas-seduta tas-6 ta' Mejju 2024** u d-digriet hemmekk mogħti, ikkonfermat ukoll b'digriet ieħor mogħti *in camera* llum istanti.

Rat ir-risposta ta' **Gianmar Holdings Limited** (fol 13), fejn hija tgħid illi hija azzjonista fil-kumpanija Tamarac Limited. Tghid illi hija taqbel mal-posizzjoni meħuda mir-rikorrenti fis-sens illi tħoss illi l-mod kif qed titmexxa l-kumpanija qed ixxekkel il-proċess ta' diviżjoni kif kien maqbul bejn l-azzjonisti kollha, u għalhekk qablet illi ma tinżammx il-laqgħa ġenerali straordinarja.

Rat ir-risposta ta' **Romina Mifsud** (fol 15) li permezz tagħħa stqarret illi hija kienet taqbel illi l-laqgħa generali straordinarja ma kellhiex tinżamm, kemm għaliex ma kienx hemm raġunijiet validi għaliex jitneħħew id-diretturi u kif ukoll għaliex tiffaċilita aġir abużiv. Qablet ukoll mat-talba għal direttur indipendenti fl-interess tal-governanza tajba tal-kumpanija.

Rat ir-risposta ta' **Lawrence Fino u Carmen Fino** (fol 33) li rreferew għar-risposta tagħhom għar-rikors li sar fil-proċeduri prinċipali 43/2024. Jgħidu illi l-mertu tal-ewwel talba huwa eżawrit, hekk kif inhu ukoll eżawrit il-mertu tat-tieni talba bid-digriet tas-6 ta' Mejju 2024. Dwar it-tielet talba, huma jsostnu illi safejn it-talba tirreferi għal eventwalita' li r-rikorrenti jitneħħew minn diretturi – ħaġa li ma seħħitx, it-talba hija intempestiva. Dwar il-parti tat-tielet talba fejn qed jigi mitlub il-ħatra ta' ċerman indipendenti, jsostnu illi dan qed isir biss bil-għan illi jitneħħa Lawrence Fino mil-posizzjoni li għandu llum qabel ma tibda l-kawza. Fuq kollox isostnu illi minn imkien ma jirriżulta illi Lawrence Fino qed jaġixxi b'mod illegali, oppressiv jew b'mod mhux ġust diskriminatorju kontra jew b'mod mhux ġust ta' preġudizzju għar-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' **Dino Fino** (fol 60) u li permezz tagħħa huwa ċaħad l-allegazzjonijiet magħmula fir-rikors, filwaqt illi fis-sustanza qabel ma' dak sottomess minn Lawrence u Carmen Fino.

Rat illi minkejja l-opportunitajiet mogħtija, is-soċjeta' **Tamarac Limited** ma ressqet l-ebda risposta.

Rat l-atti kollha.

Rat ukoll l-atti fil-proceduri 43/2024 ISB.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan ir-rikors qiegħed isir fil-kuntest ta' proċeduri ai termini tal-Artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta bejn il-kontendenti. Illi dak li essenzjalment qiegħed jintalab hawnhekk huwa miżura interim pendenti l-eżitu ta' dawn il-proċeduri. Dan id-digriet, bħal kwalsiasi digriet ieħor mogħti f'dawn il-proċedimenti, mhux u m'għandux jiġi

interpretat illi qiegħed jiddeċiedi l-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet, peress illi l-Qorti għad trid tesprimi ruħha dwar dak fis-sentenza finali tagħha.

Għalkemm l-Artikolu 402 tal-KAP 386 ma jagħtix espressament lill-Qorti l-għodda biex tagħti miżuri interim, hekk per eżempju kif jagħti l-provvediment li jitratta stralċ ta' kumpannija (Art. 219), il-Qorti b'danakollu tikkwota dak illi qalet, meta diversament preseduta, fil-każ **Frank Grisar et vs DoLittle & Fishmore Limited et**[1], qalet hekk:

> *In the local scenario, on the strength of various court rulings, there is a consistent acceptance that the Court can grant interim orders or measures while the action filed on the basis of article 402 is still pending. Dan premess, il-Qorti żżid tikkwota mill-istess sentenza hawn fuq ċitata, fejn intqal hekk: When an application is filed for the grant of interim measures, the burden rests on the person making the request to prove prima facie that, without interim relief, his rights pending final judgement on the merits of the claim risk further prejudice. In the case under scrutiny it was therefore up to applicants to bring forward satisfactory evidence to enable the Court to consider their request.*
>
> .....................................
>
> *This Court reaffirms the principle that the grant of interim measures is not a matter of course in unfair prejudice proceedings. It is rather exceptional in nature intended primarily to ensure that a status quo is maintained within the company until the dispute between the members of the company is decided by the Court.*

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi fir-rigward **tal-ewwel żewg talbiet**, il-Qorti tikkondividi dak li jingħad fir-risposta ta' Lawrence Fino u Carmen Fino, fis-sens illi l-mertu tal-istess huwa issa eżawrit, u għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom.

---

[1] 1089/2017/1 JZM tal-11 ta' Settembru 2018

Illi inkwantu **għat-tielet talba**, il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mill-intimati Lawrence Fino u Carmen Fino safejn dan jirrigwarda l-parti tat-talba relattiva għall-possibilita' ta' tkeċċija tar-rikorrenti minn diretturi, u tiddikjara dik il-parti tat-talba bħala intempestiva, partikolarment peress illi, in linea mad-digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju 2024, it-tkeċċija tar-rikorrenti minn diretturi ta' Tamarac Limited ma seħħitx. Għalhekk sejra tastjeni milli tippronunzja ruħha dwar dik il-parti tat-talba.

Jibqa' għalhekk illi l-Qorti tistħarreg jekk ghandhiex tilqa' l-parti tat-talba fejn qed jintalab illi jigi maħtur direttur indipendenti b'mod proviżorju biex ikun iċ-Ċermen tal-Bord u jassumi hu r-rwol ta' rapprezentant legali tal-kumpannija.

Il-Qorti tqis illi llum dawn iż-żewġ irwoli huma okkupati u eżerċitati minn Lawrence Fino, missier ir-rikorrenti. Filwaqt illi jirriżulta *prima facie* d-diżgwid illi wassal sabiex isejjħet laqgħa sabiex jitneħħew ir-rikorrenti minn diretturi ta' Tamarac Limited, b'danakollu issa l-Qorti ħadet il-miżuri li dehrilha opportuni sabiex jinżamm l-*istatus quo*, u aktar minn hekk, ma jirriżultalhiex illi jeżistu l-estremi għaliex hija ghandha tneżża', anke b'mod provviżorju, lil Lawrence Fino minn tali rwoli.

Il-Qorti, filwaqt illi tfakkar dejjem illi Lawrence Fino jibqa' missier ir-rikorrenti u f'dan il-kuntest tissoleċita dejjem illi huwa, mhux biss bħala missier imma <u>fuq kollox</u> u f'dan il-kuntest, bħala Ċerman, jfittex it-triq tas-soluzzjonijiet madwar il-mejda aktar milli t-triq tal-konfrontazzjoni, it-triq tal-kompromess u s-soluzzjonijiet aktar milli t-triq tal-firda u l-glied, u tqis illi f'dan l-istadju u għal finijiet ta' dawn il-proċeduri, ma jirriżultax illi Lawrence Fino qed imexxi l-kumpanija b'mod illi għandu jwassalha taħtar direttur indipendenti sabiex jassumi hu l-inkarigi msemmija bil-għan illi jinstabu s-soluzzjonijiet.

Il-Qorti tqis illi persuna ta' esperjenza tant twila fin-negozju u l-ġestjoni ta' azjendi bħal ma huwa Lawrence Fino, ċertament illi għandu jutilizza l-esperjenza vasta tiegħu bil-għan illi jinstabu s-soluzzjonijiet għall-pendenzi illi jinqalgħu, mhux lanqas bejn membri tal-familja illi jkunu flimkien qed imexxu l-quddiem ażjenda kummercjali. Li jġib lill-Qorti biex tgħid illi l-piż ta' dan ma jaqax fuq Lawrence Fino biss, imma fuq <u>**kull**</u> direttur iehor, li lkoll iridu jassumu l-obbligi u d-doveri tagħhom għall-aħjar andament tal-kumpannija. U huwa f'dan il-kuntest illi tissolleċita lid-diretturi <u>**KOLLHA**</u> tas-soċjeta' Tamarac

Limited, partikolarment fejn allura hemm din il-familjarita' tant intima, sabiex ifittxu r-raġuni u s-soluzzjonijiet għall-pendenzi illi jista' hemm bejniethom.

Fin-nuqqas li jsir dan, allura tintervjeni l-Qorti u bi dmir tasal biex tiddeċiedi hi fil-mertu, imma sadanittant, il-Qorti, bl-istess raġunament tad-digriet minnha mogħti fis-6 ta' Mejju 2024, ma tarax għaliex ma għandhiex iżżomm l-*istatus quo* tal-Bord kif illum kompost u allura qed tiddeklina milli taħtar direttur indipendenti u tafda u tispera illi jirrenja l-buon sens bejn id-diretturi ta' Tamarac Limited aktar milli l-ġlied u l-biki.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi biex tastjeni illi tippronunzja ruħha fuq l-ewwel żewġ talbiet, filwaqt illi tiċħad it-tielet talba ta' Wallace Fino u Jean Carl Fino mressqa bir-rikors tagħhom tal-25 ta' April 2024, għal miżuri interim pendenti l-eżitu tal-kawża 43/2024.

Kull parti tħallas l-ispejjes u d-drittijiet tagħha relattivi għal dan il-proċediment.

**Digriet mogħti *in camera* illum 26 ta' Awissu 2024.**

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |